



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.12.2012
SWD(2012) 402 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva

**tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi ta' entitajiet
tas-settur pubbliku**

{COM(2012) 721 final}
{SWD(2012) 401 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi ta' entitajiet tas-settur pubbliku

1. INTRODUZZJONI

Dan id-dokument huwa sommarju eżekuttiv tal-valutazzjoni tal-impatt imwettqa fit-tnejn tal-proposta għall-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar l-aċċessibbiltà għall-internet.

Il-parti l-kbira tal-Istati Membri żviluppaw l-ispeċifikazzjonijiet u l-politiki tagħhom stess għall-aċċessibbiltà għall-internet abbażi tad-W3c WAI WCAG, b'riżultat ta' frammentazzjoni tas-suq għall-iżviluppaturi tal-internet. Billi jiġu armonizzati l-ispeċifikazzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà għall-internet għal sensiela ta' servizzi pubbliċi bażiċi, tista' tiġi solvuta l-problema tal-frammentazzjoni u n-nuqqas ta' sigurtà fis-suq, u b'hekk ikunu ġġenerati benefiċċji għall-gvernijiet u ċ-ċittadini, u jkun hemm aċċessibbiltà akbar u aħjar għas-suq tal-internet.

Definizzjonijiet u sfond

It-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni b'mod ġenerali, u l-Internet, b'mod partikolari, huma l-muturi prinċipali tat-tkabbir ekonomiku.

L-aċċessibbiltà għall-internet tirreferi għall-prinċipji u t-tekniki li għandhom jiġu osservati meta jinbnew is-siti elettroniċi, sabiex jagħmlu l-kontenut ta' dawn is-siti aċċessibbli għall-utenti kollha, b'mod partikolari dawk b'diżabbiltà¹. Jeżistu linji gwida newtrali fit-teknoloġija u rikonossuti internazzjonalment għad-disinn ta' siti elettroniċi u kontenut aċċessibbli: Il-Kriterji ta' Suċċess u l-Livell AA tar-Rekwiżiti tal-Konformità fil-verżjoni 2.0 tal-Linji Gwida għall-Aċċessibbiltà għall-Kontenut tal-Web (Web Content Accessibility Guidelines) (WCAG 2.0) mill-World Wide Web Consortium (W3C). Qed jittejjja Standard Ewropew li jinkludi aċċessibbiltà għall-internet abbażi ta' dawk il-linji gwida fil-kuntest tal-Mandat 376 tal-Kummissjoni Ewropea.

L-aċċessibbiltà għall-internet hija ta' importanza kbira għall-entitajiet tas-settur pubbliku, peress li jkun jistgħu jilhqqu u jwettqu r-responsabbiltajiet pubbliċi tagħhom. L-għadd ta' siti

¹ Skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, il-persuni b'diżabbiltà **jinkludu** dawk li għandhom diżabbiltajiet fiżiċi, mentali, intellettuali fit-tul jew diżabbiltajiet sensorji li flimkien ma' diversi diffikultajiet li jistgħu jxekklu l-partiċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor.

governattivi (madwar 380 500 fl-UE) u s-siti elettroniċi tas-settur pubbliku (madwar 761 000 fl-UE) qed jikber b'mod mgħaġġel. Filwaqt li l-aċċessibbiltà għall-internet hija ta' benefiċċju għall-utenti kollha, din hija essenzjali għall-persuni b'diżabbiltà (15 % tal-popolazzjoni tal-UE, jew 80 miljun ruħ)².

L-aċċessibbiltà għas-suq tal-internet tinkludi dawk kollha deskritti bħala żviluppaturi tal-internet: il-professjonisti u l-kumpaniji speċjalizzati fit-tfassil tal-arkitettura teknika u l-kontenut tal-paġni tal-internet, il-partijiet li jiktbu l-għodod tas-softwer sabiex jinħolqu u jiġu implimentati l-paġni tal-internet, u l-kumpaniji li jipprovdu s-servizzi ta' konsultazzjoni rilevanti u t-taħriġ fl-iżvilupp tal-internet. Fl-UE, dan is-suq għad għandu ħafna spazju fejn jikber, peress li inqas minn 10 % tas-siti elettroniċi huma konformi mad-WGAC 2.0. L-aċċessibbiltà għall-internet fl-UE hija stmata li tiswa EUR 2 biljun, iżda tipproduċi anqas minn 10 % tal-potenzjal tagħha. L-armonizzazzjoni ser twassal għal kundizzjonijiet aħjar tas-suq, għal aktar impjiegi, anqas spejjeż għall-aċċessibbiltà għall-internet u aktar siti elettroniċi aċċessibbli: tliet benefiċċji, jew tliet rebħiet f'daqqa għall-gvernijiet, għan-negozji, u għaċ-ċittadini.

2. KUNTEST POLITIKU, KWISTJONIJIET TA' PROĊEDURA U KONSULTAZZJONI

Għadd sinifikanti ta' Stati Membri (21) diġà hađu miżuri dwar l-aċċessibbiltà għall-internet; u probabbilment oħrajn ser isegwu, hekk kif il-parti l-kbira tal-Istati Membri rratifikaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà. Madankollu, jeżistu differenzi sinifikanti u evidenti fost l-Istati Membri fir-rigward tal-approċċi leġiżlattivi tagħhom.

Hemm ħafna inizjattivi ta' politika marbutin mal-aċċessibbiltà tal-internet: l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabbiltà 2010-2020 (l-aċċessibbiltà tal-ICT); il-Pjan ta' Azzjoni għall-Gvern elettroniku 2011-2015 (servizzi inklużivi u aċċessibbli ta' gvern elettroniku); l-'Aġenda Diġitali għall-Ewropa' (il-Kummissjoni tipproponi li tiżgura li sal-2015, is-siti elettroniċi tas-settur pubbliku jkunu aċċessibbli għal kolloxx). programmi ta' finanzjament tal-UE, bħal FP7 u CIP, isostnu r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-aċċessibbiltà tal-internet. L-aċċessibbiltà għall-internet se titqanqal ukoll mill-Mandat ta' Standardizzazzjoni 376 tal-Kummissjoni (għal rekwiżiti ta' aċċessibbiltà funzjonali għall-prodotti, is-servizzi u l-kontenut tal-internet tal-ICT, li jintużaw fi proċeduri tal-akkwist pubbliku) u r-reviżjoni tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku.

Twettqu għadd kbir ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u studji analitiċi sabiex jidentifikaw il-problemi u l-ħtiġijiet, li jindirizzaw lill-partijiet rilevanti, inklużi r-rappreżentanti tal-Istati Membri, l-industrija u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Twaqqaf grupp ta' Tmexxija għal Valutazzjoni tal-Impatt, immexxi mid-Direttorat Ġenerali għas-Soċjetà tal-Informatika u l-Midja, b'rappreżentanza wiesgħa ta' servizzi u dipartimenti varji tal-Kummissjoni. Dawn kienu jinkludu s-Servizz Legali, is-Segretarjat Ġenerali, u d-Direttorati Ġenerali għall-Komunikazzjoni; tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji; tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni; tal-Intrapriża u l-Industrija; il-Eurostat; tas-Saħħa u l-Konsumaturi; tal-Informatika; tas-Suq Intern u s-Servizzi; u tal-Ġustizzja. Il-kompitu

² Ara l-websajt tal-Forum Ewropew tad-Diżabbiltà: http://www.edf-feph.org/Page_Generale.asp?DocID=12534.

tagħhom kien li janalizzaw u jiddiskutu l-kwistjonijiet u l-perspettivi rilevanti għal din il-proposta dwar l-aċċessibbiltà għall-internet.

L-abbozzi tar-rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt ġew ippreżentati lill-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt u l-verżjoni finali tiegħu tinkorpora r-reazzjonijiet għar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord.

3. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Minkejja għaxar snin ta' azzjonijiet volontarji tal-politika tal-UE, inklużi l-konklużjonijiet tal-Kunsill, ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament, il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni u d-dikjarazzjonijiet Ministerjali, ma kien reġistrat l-ebda progress xieraq dwar l-aċċessibbiltà għall-internet. Il-frammentazzjoni tas-suq u n-nuqqas ta' sigurtà huma l-għerq tal-problema. **Is-suq intern tal-aċċessibbiltà għall-internet mhux jiffunzjona sew. L-iżviluppaturi tal-internet** iħabbtu wiċċhom ma' ostakli fil-forma ta' spejjeż addizzjonali tal-produzzjoni jekk joperaw bejn il-fruntieri. L-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs, ma għandhomx l-għarfien u l-kapaċità biex ikompaw mal-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri differenti kollha. Dan ifixkel il-kompetizzjoni u t-tkabbir ekonomiku. **Is-sidien tas-siti tal-internet** jirċievu inqas offerti u dawn ikunu jiswew aktar flus biex jipprovdu s-servizzi. **L-utenti tal-aċċessibbiltà għall-internet** jistgħu jiġu kkonfrontati bi brawżers, b'qarrejja tal-iskrijn jew b'teknoloġiji oħra ta' assistenza li mhumiex interoperabbli. Il-konsegwenza tista' tkun li f'pajjiżi differenti, l-esperjenzi tal-utenti jkunu differenti u ta' tfixkil. Barra minn hekk għal persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, jeżisti r-riskju tal-esklużjoni soċjali li qed tiżdied.

L-Istati Membri ma jistgħux jibbenefikaw mill-iskambju tal-esperjenzi b'reazzjoni għall-iżviluppi teknoloġiċi u tas-soċjetà.

Mingħajr l-armonizzazzjoni fil-livell tal-UE, ma jistgħux jitnaqqsu **r-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà għall-internet**, il-frammentazzjoni u l-inċertezza fis-suq tal-aċċessibbiltà għall-internet. Din l-armonizzazzjoni tista' tgħin sabiex jintlaħqu l-impenji politiċi eżistenti u tiżgura l-effikaċja tal-Istandards Ewropej u internazzjonali għall-aċċessibbiltà (il-Mandat 376 u ISO/IEC 40500 ġdid), l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà u d-Direttivi riveduti dwar l-Akkwist Pubbliku. Il-proposta tista' tkun limitata għal **siti elettroniċi fis-settur pubbliku**, peress li din waħedha tkun tirriżulta f'suq imdaqqas ta' żviluppaturi tal-internet.

Peress li l-Istati Membri ma jistgħux jiksibu suq uniku għall-aċċessibbiltà għall-internet, l-Unjoni tipproponi li tadotta miżuri, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, fuq il-bażi legali tal-**Artikolu 114.1** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. **Dan** jiddikjara li l-Kummissjoni 'għandha tadotta l-miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern'.

Issa huwa l-waqt li naġixxu, peress li intervent modest jista' jipprevjeni miżuri ta' riparazzjoni estensiva aktar tard.

4. GĦANIJET

L-għanijiet ġenerali jinkludu t-titjib estensiv tas-suq intern għall-prodotti u s-servizzi relatati mal-aċċessibbiltà għall-internet, u jkattru l-għadd ta' siti elettroniċi aċċessibbli. **L-għanijiet speċifiċi** jinkludu rekwiżiti armonizzati għal lista minima tat-tipi ta' siti elettroniċi tas-settur pubbliku u l-promozzjoni tal-aċċessibbiltà għall-internet għal siti elettroniċi lil hinn minn din il-lista. **L-għan funzjonali** prinċipali huwa li sal-2015 tintlaħaq aċċessibbiltà sħiħa għall-internet għas-siti elettroniċi kollha fis-settur pubbliku fuq il-lista msemmija.

5. GĦAŻLIET TA' POLITIKA

L-**Aġenda Diġitali għall-Ewropa** (ADE)³ ħabbret: “Abbażi tal-analiżi tal-għażliet, sal-2011, il-Kummissjoni ser tagħmel proposti li jiżguraw li sal-2015, is-siti elettroniċi tas-settur pubbliku (u s-siti elettroniċi li jipprovdu servizzi bażiċi liċ-ċittadini) jkunu aċċessibbli għal kollox”.

Ġew identifikati tliet għażliet ta' politika:

1 — *Xenarju bażiku* (“L-ebda azzjoni addizzjonali”)

2 — *Rakkomandazzjoni* (“liġi mhux vinkolanti”)

Din l-għażla tikkonċerna l-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni li tesprimi approċċ komuni għall-aċċessibbiltà għall-internet, partikolarment l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida għall-Aċċessibbiltà għall-Kontenut tal-Web (WCAG 2.0 livell AA) għal lista minima tat-tipi kkonċernati ta' siti elettroniċi tas-settur pubbliku.

3 — *Miżuri legalment vinkolanti*

Miżura legalment vinkolanti, għall-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar l-aċċessibbiltà għall-internet, tistipula r-regoli biex issir lista minima ta' siti elettroniċi pubbliċi aċċessibbli, skont ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà għall-internet. L-Istati Membri għadhom ħielsa li jestendu d-dispożizzjonijiet approssimattivi għal tipi oħra ta' siti elettroniċi. Il-proposta tispeċifika r-rekwiżiti komuni għall-aċċessibbiltà għall-internet u r-rikonoxximent u r-riferiment għall-istandards rilevanti. Il-proposta ssegwi l-approċċ komuni tal-istandardizzazzjoni abbażi tal-preżunzjoni tal-konformità u jikkonforma mal-approċċ modernizzat sabiex jiġu indirizzati l-istandards tal-ICT.

³ http://ec.europa.eu/information_society/digital-agenda/index_mt.htm

L-Istati Membri għandu jkollhom il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2014 u japplikaw il-miżuri tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2015. Huma għandhom jipparteċipaw permezz tal-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni tagħhom u permezz ta' kumitati u pjattaformi rilevanti fl-istabbiliment ta' standard armonizzat għall-aċċessibbiltà tal-internet u fid-definizzjoni kemm tal-metodoloġija tal-monitoraġġ kif ukoll tal-arranġamenti tar-rappurtar. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-aċċessibbiltà għall-internet b'mod ġenerali u jikkooperaw mal-industrija u s-soċjetà ċivili biex jiskambjaw l-aħjar prassi u jirrevedu żviluppi ġodda.

Direttiva hija l-istrument xieraq minħabba l-flessibbiltà tagħha. Ser tirrispetta l-fatt li ċerti Stati Membri diġà għandhom leġiżlazzjoni relatata fis-seħħ. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jestendu l-lista minima tat-tipi ta' siti elettroniċi u jorganizzaw l-implimentazzjoni (bħall-mod kif jiġu trattati l-ilmenti) bil-mod preferut tagħhom.

Regolament ikun infurzabbli immedjatament u probabbilment jagħmilha possibbli biex l-impenji tal-ADE jiġu ssodisfati fil-ħin. Madankollu, fuq medda qasira ħafna ta' żmien, l-iżviluppaturi tal-internet iġarrbu spejjeż konsiderevoli għall-konformità anke kieku kellhom joperaw biss f'pajjiżhom stess.

5.1. Opzjonijiet iddifferiti u skartati

L-organizzazzjonijiet ċivili bħall-AGE, l-ANEC, l-EBU⁴, u l-EDF⁵ talbu li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni għas-siti elettroniċi rilevanti oħrajn (eż. ma' "servizzi bażiċi għaċ-ċittadini"). Din is-subopzjoni kienet differita, peress li l-ambitu imbagħad jestendi għas-settur privat bi speċifikitajiet differenti, qasam diġà kkunsidrat għall-kopertura fl-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà taħt thejjiġa parallela.

Ġew ikkunsidrati tliet opzjonijiet addizzjonali iżda ġew skartati minħabba li naqsu milli jindirizzaw il-frammentazzjoni tas-suq u seta' jkollhom dubju fuq il-proporzjonalità jew imponew piż amministrattiv konsiderevoli. Dawn kienu miżura legalment vinkolanti bbażata fuq il-mitigazzjoni tad-diskriminazzjoni skont l-Artikolu 19 tat-TFUE, l-użu ta' leġiżlazzjoni dwar l-Akkwist Pubbliku u l-estensjoni tal-proposta għall-għodod tal-awtur jew it-teknoloġiji ta' assistenza rispettivament.

6. ANALIŻI TAL-IMPATTI

6.1. Opzjoni ta' Politika Nru 1: Xenarju Bażi – l-ebda bidla fil-politiki

L-impatt ta' koordinazzjoni dgħajfa kontinwa tal-UE jkun wieħed limitat: il-progress kajman tal-aċċessibbiltà għall-internet, ma' miżuri nazzjonali ġodda li jikkawżaw frammentazzjoni ulterjuri.

Impatti ekonomiċi: L-iżviluppaturi tal-internet xorta jaffaċċjaw ostakli għolja ta' dħul għall-bejgħ transfruntier ta' prodotti u servizzi, u anqas domanda domestika. L-amministrazzjonijiet pubbliċi ma jibbenefikawx minn offerti aħjar u mill-iskambju tal-approċċi tagħhom. Huma ma jkunux jistgħu jibbenefikaw milli s-servizzi u l-informazzjoni onlajn isiru offlajn.

⁴ Unjoni Ewropea tax-Xandir

⁵ Il-Forum Ewropew għall-Persuni b'Diżabilità

Impatt soċjali: L-“esklużjoni diġitali” persistenti ta’ dawk li mhux kapaċi jibbenefikaw minn faċilitajiet onlajn (eż. għall-impjegabbiltà).

Impatt politiku: L-effiċjenza tal-forniment tas-servizz u r-responsabbiltà soċjali jkunu fil-periklu. L-impenji, bħal dawk fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, ma setgħux jinkisbu.

6.2. Opzjoni ta' Politika Nru 2: Adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni (“liġi mhux vinkolanti”)

L-impatt ta' Rakkomandazzjoni jiddependi fuq ir-rieda tal-Istati Membri. Dan ma jiggarantixx li l-problema ta' frammentazzjoni tkun indirizzata. L-istudji u l-konsultazzjonijiet juru li dan l-approċċ matul l-aħħar għaxar snin ma kienx kapaċi jsolvi l-problemi u jneħħi lil min kien hemm warajhom.

Impatti ekonomiċi: L-iżviluppaturi tal-internet għadhom jistgħu jiġu kkonfrontati b'suq intern frammentat. Jekk l-Istati Membri kollha ma jappoġġjawx bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni, il-benefiċċji netti ser ikunu simili għal dawk tat-taqsima 6.3 t'hawn taħt.

Impatti soċjali: L-“esklużjoni Diġitali” persistenti possibbli ta’ dawk li mhux kapaċi jibbenefikaw minn faċilitajiet onlajn (eż. biex ifittxu l-opportunitajiet tax-xogħol).

Impatti politiċi/reputattivi: riskji simili bħal fl-opzjoni Nru 1.

6.3. Opzjoni ta' politika Nru 3 – miżura leġiżlattiva bbażata fuq is-Suq Intern

Impatti ekonomiċi:

Jekk is-sitt Stati Membri **mingħajr miżuri eżistenti tal-aċċessibbiltà** għall-internet ikollhom żero aċċessibbiltà għall-internet fis-siti elettroniċi tas-settur pubbliku, ikollhom jinvestu bejn EUR 37 miljun u EUR 88 miljun biex jiksbu 100% konformità. L-infiq annwali huma stmat li jiswaw EUR 41 miljun, jekk wieħed jassumi l-iżvilupp mill-ġdid ta’ terz ta’ dawn is-siti elettroniċi u l-manutenzjoni u l-monitoraġġ tal-aċċessibbiltà għall-internet għall-kumplement.

Għall-21 Stat Membru b'miżuri eżistenti ta' aċċessibbiltà għall-internet, l-ispejjeż addizzjonali huma minimi, peress li s-siti elettroniċi kkonċernati jaqgħu taħt ir-regolament nazzjonali eżistenti. Il-miżura proposta ser tħaffef l-ispejjeż tal-implimentazzjoni u se traħħas il-prezzijiet, waqt li tagħti skeda ċara tar-riżultat. Pajjiżi li jaderixxu għad-WCAG 1.0 (eż. ir-Renju Unit) ser jiffrankaw il-flus, peress li “l-iżvilupp (mill-ġdid)” tas-siti elettroniċi skont id-WCAG 2.0 jiswaw madwar 8 % anqas. Għall-Istati Membri li jsegwu (l-varjazzjonijiet tad-) WCAG 2.0 l-ispejjeż eventwalment jonqsu minħabba kompetizzjoni mtejbja u għodod orħos ta' aċċessibbiltà għall-internet.

L-iskemi tar-rappurtar għal monitoraġġ komuni u l-Obbligi tal-Infurmazzjoni jkunu jiswew madwar EUR 1.65 miljun.

L-ispiża għall-UE biex f'sena waħda tinkiseb 100 % konformità tas-siti elettroniċi kkonċernati tirrikjedi investiment ta' bejn EUR 260 u EUR 560 miljun. **Il-fornituri tas-servizzi tal-aċċessibilità għall-Internet** jibbenefikaw mill-ekonomiji ta' skala, minħabba suq ikbar u prezzijiet irħas għas-suq għas-servizzi tagħhom.

Benefiċċji ekonomiċi għall-gvernijiet mill-kopertura ta' popolazzjoni usa' jistgħu jkunu konsiderevoli. Tabella Nru 1 tindika l-kost u l-benefiċċji jekk tintlaħaq aċċessibbiltà tal-

internet 100 % - wara intervent tal-UE fi żmien sena. F'dak il-każ, il-benefiċċji huma ħafna iktar mill-ispejjeż kemm fix-xenarju għoli kif ukoll max-xenarju baxx. L-effett se jkun saħansitra iktar qawwi jekk jinfirx fuq perjodu ta' bejn 3 u 5 snin.

Persuni b'diżabbiltà	Stima baxxa (Siti elettroniċi sempliċi)	Stima għolja (Siti elettroniċi kbar)	Benefiċċji	Spejjeż	Spejjeż
Kopertura f%	Benefiċċji netti	Benefiċċji netti	Servizzi bażiċi tas-settur pubbliku	Stima baxxa (Siti elettroniċi sempliċi)	Stima għolja (Siti elettroniċi kbar)
100	487.327.060	191.147.305	747.750.307	260.423.247	556.603.002
75	300.389.484	4.209.728	560.812.730	260.423.247	556.603.002
50	113.451.907	-182.727.849	373.875.153	260.423.247	556.603.002
25	-73.485.670	-369.665.425	186.937.577	260.423.247	556.603.002
5	-223.035.731	-519.215.487	37.387.515	260.423.247	556.603.002

Tabella Nru 1. Il-kalkolu tal-benefiċċji netti li jilhqun konformità sħiħa mad-WCAG 2.0 fl-UE27

L-istima tal-ispejjeż u l-benefiċċji għas-sitt Stati Membri mingħajr politiki dwar l-aċċessibbiltà għall-internet biex jilhqun l-100 % tal-aċċessibbiltà għall-internet għas-servizzi bażiċi tas-settur pubbliku fi żmien 3 snin, hija stmata f'Tabella Nru 2.

Il-grupp fil-mira (persuni b'diżabbiltà)	Stima baxxa (Siti elettroniċi sempliċi)	Stima għolja (Siti elettroniċi kbar)	Benefiċċji	Spejjeż	Spejjeż
Kopertura f%	Benefiċċji netti	Benefiċċji netti	Servizzi bażiċi tas-settur pubbliku	Siti elettroniċi sempliċi	Siti elettroniċi akbar
100	31.502.980	14.597.479	43.780.725	12.277.745	29.183.246
75	20.557.798	3.652.298	32.835.544	12.277.745	29.183.246
50	9.612.617	-7.292.883	21.890.362	12.277.745	29.183.246
25	-1.332.564	-18.238.064	10.945.181	12.277.745	29.183.246
5	-10.088.709	-26.994.209	2.189.036	12.277.745	29.183.246

Tabella Nru 2. Spiża biex tintlaħaq konformità sħiħa fsitt Stati Membri tal-UE li ma għandhom ebda miżura għall-aċċessibbiltà għall-internet

Il-benefiċċji ekonomiċi għall-iżviluppaturi tal-internet ikunu sostanzjali, peress li jistgħu jtejjbu l-ekonomija ta' skala tagħhom u jagħmlu offerti attraenti fi swieq anċillari. Din il-

miżura tista' toħloq **sensiela ta' riperkussjonijiet** għas-siti elettroniċi ta' korpi tas-settur pubbliku.

Impatti soċjali u analiżi tas-sensittività: Opportunitajiet aħjar għal parteċipazzjoni ekonomika u soċjali għal bosta ċittadini, b'mod partikolari l-persuni anzjani u dawk b'limitazzjonijiet funzjonali. Opportunitajiet aħjar tax-xogħol madwar l-Ewropa għall-esperti dwar l-aċċessibbiltà għall-internet għall-persuni b'diżabilità.

L-impatti monetarji jkunu jiswew EUR 400 miljun għal kull 1 % żieda fil-parteċipazzjoni tax-xogħol, EUR 30 miljun f'iffrankar ta' ħin għal kull 1 % żieda tal-aċċess onlajn u EUR 300 miljun għal kull 10 % żieda fix-xiri onlajn.

7. OPZJONI PREFERUTA

Opzjoni 3 hija rakkomandata bħala l-opzjoni preferuta.

8. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw fuq bażi kontinwa l-konformità tas-siti elettroniċi kkonċernati mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà għall-internet. Ser tiġi stabbilita mill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri metodoloġija komuni, li għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Kull sena, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dwar it-teħid tal-kampjuni tas-siti elettroniċi kkonċernati u r-riżultati tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħhom. Ir-rapporti tagħhom għandhom jinkludu wkoll id-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-estensjonijiet possibbli tal-lista tat-tipi tas-siti elettroniċi tas-settur pubbliku u kwalunkwe miżura oħra addizzjonali.

8.1. Evalwazzjonijiet prospettivi

Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ tagħha.